# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 4**

**Citazzjoni Nru: 941/01GV**

**General Plastics Limited.**

**-vs-**

**Carmelo sive Charles Sammut u Nicholas Sammut.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess li s-socjeta' attrici fuq ordinazjoni tal-konvenuti beghtilhom u ikkonsenjatilhom merkanzija konsistenti f' conduit, fittings u accessory relativi ghall-elettriku bil-prezz komplessiv ta' Lm5,514.32 (Dok A1, A2, A3, A4, A5, A6 u A7).

Premess li l-konvenuti qatt ma cahdu li ghandhom jaghtu l-imsemmija somma, u m' ghandhomx eccezzjonijiet validi fil-Ligi biex jopponu t-talba attrici ghal hlas peress li s-somma dovuta hija certa, liquida u dovuta.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Li din il-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12, ghar-ragunijiet predetti.

2. Tikkundanna lill konvenuti sabiex solidalment bejnithom ihallsu s-somma ta’ Lm5,514.32 prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata kif intqal fuq.

Bl-interessi kummercjali mid-data ta’ kull konsenja u bl’ ispejjez, komprisi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Dicembru, 2000, u tal-Mandat ta’ elevazzjoni tal-21 ta’ Mejju, 2001.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti u li naqsu li jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**